Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,731, 12 ta' Jannar, 1999
Taqsima B

A.L. 9 ta' l-1999

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ordinamenti ta' l-1999 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - fl-Istitut għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ppromulga dawn l-Ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti ta' l-1999 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - fl-Istitut għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istitut għat-Teknoloġija ta' l-Enerġija;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D; u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 1995 'il quddiem.

Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Kors huwa miftuħ għal gradwati li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor of Science (Honours); jew

(b) grad ta' Bachelor of Mechanical or Electrical Engineering (Honours); jew

(ċ) grad ta' Bachelor of Engineering and Architecture (Honours); jew

(d) grad ta' Master mill-Universita' f'suġġett relatat; jew

(e) kwalifika ekwivalenti approvata mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

4. Il-Kors normalment huwa miftuħ għal gradwati li kisbu l-grad speċifikat fir-regolament 3:

(a) fl-aħħar għaxar snin qabel ma japplikaw għall-Kors; jew

(b) jekk il-kwalifika ilha li nkisbet aktar minn għaxar snin, huma għandhom jipprovdu provi suffiċjenti tal-kompetenza tagħhom biex isegwu grad ta' riċerka, bl-approvazzjoni tas-Senat fuq il-parir tal-Bord.

5. L-applikanti għandhom jissottomettu proposta ta' riċerka meta japplikaw għall-Kors.

6. L-istudenti li jixtiequ jirreġistraw għall-Grad huma normalment mistennija li l-ewwel jirreġistraw għall-grad ta' Master of Philosophy.

Format u Preżentazzjoni tat-Teżi

7. It-teżi għandha normalment ma tkunx ta' aktar minn 50,000 kelma fit-tul, minbarra r-riferenzi u l-bibljografiji.

8. L-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jissottomettu kopja tat-teżi, illegata b'mod adegwat, lil kull membru tal-Bord ta' l-Eżaminaturi. Fi żmien tliet

xhur wara li jkunu għaddew mill-eżami tat-teżi, l-istudenti għandhom jissottomettu żewġ kopji tat-teżi, li waħda minnhom għandha titqiegħed fil-Biblijoteka ta' l-Universita' illegata kif ġej:

bid-drapp (jekk jista' jkun iswed) b'qoxra ieħsa u b'karti tat-tarf ta' kwalita' tajba; bl-ittri (jekk jista' jkun bid-deheb) fuq il-qoxra u d-dahar li juru:

(i) l-isem ta' l-istudent;
(ii) it-titlu jew it-titlu fil-qosor tat-teżi;
(iii) il-grad li għalih it-teżi qed tkun sottomessa; u
(iv) is-sena meta tiġi sottomessa.

Mapep, disinji, *graphs*, materjal stampat, eċċ. għandhom ikunu llegati mat-teżi, iżda jekk dan ma jkunx possibbli, għandhom ikunu ppreżentati għalihom f'*folders* jew f'volumi speċjali u nnumerati.

9. It-test għandu jkun ittajpjat fuq karti A4, fuq naħa waħda biss, bi spazju doppju u b'marġni ta' 40 mm fuq ix-xellug u mill-anqas b'marġni ta' 20 mm fuq in-naħa ta' fuq, t'isfel u tal-lemin.